



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, it-12 ta' Settembru 2019

Skont ir-rapport analitiku tal-Awdituri, il-pjanijiet reċenti tal-UE fil-qasam tad-difiża jinvolve riskji relatati mal-prestazzjoni

Skont rapport analitiku ġdid maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-kooperazzjoni u l-kapaċitajiet militari attwali tal-Istati Membri ma jikkorrispondu mal-livell ġdid ta' ambizzjoni tal-politika ta' difiża tal-UE. L-awdituri jwissu li s-sinerġiji bejn l-inizjattivi tal-UE u oqfsa oħra ta' difiża u sigurtà huma essenzjali. Punt kritiku huwa, b'mod partikolari, jekk l-UE hijiex se tkun kapaċi taħdem b'mod komplementari man-NATO u tevita duplikazzjoni u trikkib. Madankollu, l-inizjattivi reċenti li twettqu fil-livell tal-UE u ż-żieda proposta fil-finanzjament jinvolve riskji relatati mal-prestazzjoni.

L-Istati Membri għadhom jikkontrollaw b'mod qawwi d-difiża Ewropea u sal-2014 l-azzjoni fil-livell tal-UE kienet biss limitata. Madankollu, l-iżviluppi internazzjonali reċenti, flimkien ma' kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u industrijali, taw spinta ġdida għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża Ewropea. B'segwitu għall-Istrateġija Globali tal-UE tal-2016 u għall-pjan ta' implimentazzjoni tagħha dwar is-sigurtà u d-difiża, tnedu bosta inizjattivi u mekkaniżmi. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet żieda kbira fil-baġit tal-UE għad-difiża u s-sigurtà esterna: EUR 22.5 biljun għall-perjodu 2021-2027, meta mqabbel ma' EUR 2.8 biljun għall-perjodu 2014-2020.

Skont l-awdituri hemm ir-riskju li ma jkunx hemm sistemi ta' kontroll adegwati fis-seħħ biex jakkomodaw żieda bħal din fl-infiq tal-UE. Huma jirrikonoxxu wkoll li d-difiża hija qasam li jinsab fil-qalba tas-sovranità nazzjonali. Jidher li hemm differenzi strateġiċi ċari fost l-Istati Membri tal-UE, li l-perċezzjonijiet tagħhom ta' theddidiet għas-sigurtà u l-viżjoni tar-rwol tal-UE f'dak li jirrigwarda d-difiża jistgħu jvarjaw. L-Istati Membri għandhom ukoll regoli ta' involviment differenti u firxa wiesgħa ta' fehmiet dwar l-użu tal-forza militari. L-awdituri josservaw li f'kuntest bħal dan, xi kunċetti, bħall-"awtonomija strateġika" jew "armata Ewropea", għadhom vasti u vagi.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Id-dokument sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Huma jgħidu wkoll li huwa essenzjali li tiġi żgurata l-koerenza tal-inizjattivi kif ukoll is-sinerġiji tal-UE ma' oqfsa oħra ta' difiża u sigurtà. Dan huwa partikolarment minnu għal dak li jirrigwarda n-NATO, minħabba li għal 22 Stat Membru dan jibqa' l-qafas primarju fil-qasam tad-difiża kollettiva. Punt kritiku huwa jekk l-UE hijiex kapaċi taħdem b' mod komplementari man-NATO u b'hekk tevita d-duplikazzjoni u t-trikkib tal-funzjonijiet tagħha.

“Id-difiża tinvolvi l-ħolqien ta' kapaċitajiet militari reali, li jkollhom potenzjal ċar ta' deterrent fil-konfront ta' theddidiet potenzjali”, qal Juhan Parts, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabli għar-rapport analitiku. “Fin-nuqqas ta' fatturi kritiċi ta' suċċess u mingħajr l-ispeċifikazzjoni ta' miri ċari, hemm riskju li l-inizjattivi attwali relatati mad-difiża tal-UE jibqgħu sempliċi kliem u jispiċċaw mingħajr ebda eżitu”.

Rigward il-kapaċitajiet ta' difiża, hemm diskrepanza ċara bejn dak li l-Istati Membri huma mistennija li jagħmlu u dak li jistgħu jaqblu dwaru u jwettqu. L-awdituri jsostnu li l-kapaċitajiet militari fl-UE kienu affettwati b' mod negattiv minn nuqqas ta' investimenti u mit-tnaqis fil-baġits nazzjonali għad-difiża, fi snin reċenti, u huma kkaratterizzati minn livell għoli ta' duplikazzjoni u frammentazzjoni. Dan huwa aggravat minn nuqqas ta' standards tekniċi komuni, li huwa detrimental għall-interoperabbiltà tad-diversi forzi armati fl-Ewropa. B' mod ġenerali, il-kapaċitajiet militari attwali tal-Istati Membri ma jikkorrispondu mal-livell tal-ambizzjoni militari tal-UE, u jkunu meħtieġa bosta mijiet ta' biljuni ta' euro biex tingħeleb din id-diskrepanza kieku l-Ewropa kellha tiddefendi ruħha mingħajr assistenza minn barra. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jkompli jiggrava din is-sitwazzjoni, minħabba li dan huwa l-aktar pajjiż li jonfoq fid-difiża fl-Ewropa, b'ammont ta' madwar kwart tan-nefqa totali tal-Istati Membri tal-UE.

Fi snin reċenti ġew stabbiliti bosta inizjattivi u mekkaniżmi relatati mad-difiża, inklużi l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) u l-Fond Ewropew għad-Difiża. Dawn l-inizjattivi u ż-żieda proposta fil-finanzjament fil-livell tal-baġit tal-UE u tal-Istati Membri jistgħu jitqiesu bħala “bidla fil-pass” għad-difiża Ewropea. Madankollu, is-suċċess tagħhom jiddependi prinċipalment fuq bosta kundizzjonijiet ewlenin li attwalment l-awdituri jqisu li għadhom mhux qed jiġu ssodisfati. Dawn jikkonċernaw b' mod partikolari:

- proċess ta' ppjanar effettiv fil-livell tal-UE;
- il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri;
- l-impatt fuq il-ħtiġijiet reali f' dak li jirrigwarda l-kapaċità;
- il-qafas ta' governanza u ta' obbligu ta' rendikont.

Noti lill-Edituri

Rapport analitiku jippreżenta u janalizza l-fatti li jikkonċernaw kwistjoni speċifika, iżda mhux awditu.

Ir-Rapport Analitiku Nru 9/2019 tal-QEA intitolat “Id-Difiża Ewropea” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport analitiku

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502